

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Marzu 2014

li temenda d-Deċiżjoni 2007/777/KE fir-rigward tal-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam, tal-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati imħejjija minn laħam frisk ta' tjur domestiċi, inkluż laħam tal-għasafar selvaġġi u mrobbijin fl-irziezet

(notifikata bid-dokument C(2014) 1904)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2014/175/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992 li tipprovdi għal rekwiżiti fir-rigward tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti mhux soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti f'regoli Komunitarji speċifiċi msemmija fl-Anness A(l) tad-Direttiva 89/662/KEE u, fejn jidħlu l-patoġeni, fid-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2)(c) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-fażi introdutturja tal-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8(1), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 9(2)(b) u l-Artikolu 9(4)(b) u (c) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ⁽³⁾ tistabbilixxi regoli dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti prodotti tal-laħam għall-konsum mill-bniedem u tal-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati. Dik id-Deċiżjoni fiha lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet minnhom, minn fejn l-importazzjonijiet huma awtorizzati u l-Anness III tagħha jipprovdi l-mudell ta' ċertifikat tas-saħħa pubblika u tal-annimali għal daww il-prodotti maħsuba għall-konsenja lejn l-Unjoni minn pajjiżi terzi.

⁽¹⁾ ĠU L 62, 15.3.1993, p. 49.

⁽²⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ⁽⁴⁾ jistabbilixxi rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni jew għat-tranżitu fl-Unjoni ta' tjur u prodotti tat-tjur. Dak ir-Regolament jistipula li l-prodotti tat-tjur li jkopri għandhom biss jiġu importati lejn l-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kompartimenti li jissemmew fit-tabella tal-Parti 1 tal-Anness I tiegħu. Dan jistipula wkoll li dawn l-importazzjonijiet għandu jkollhom magħhom ċertifikat veterinarju, kif jissemma f'dik it-tabella, għall-prodott tat-tjur konċernat, li jkun mimli skont in-noti u ċ-ċertifikati veterinarji mudell li hemm fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

(3) Barra minn hekk, iċ-ċertifikati veterinarji mudell għall-laħam tat-tjur (POU), għal-laħam tal-għasafar li ma jtirux imkabbirin fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT) u għal-laħam tal-għasafar selvaġġi (WGM) li hemm fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistipulaw li l-laħam frisk għandu jkun ġej minn tjur jew għasafar li ma jtirux li ġejjin minn stabbilimenti mingħajr restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali b'rabta ma' xi marda li t-tjur jew għasafar li ma jtirux huma suxxettibbli għaliha jew minn għasafar tal-kaċċa selvaġġi li nqatlu f'territorji b'raġġ ta' 10km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, li fihom ma kien hemm ebda tifqigħa tal-influenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal mill-anqas 30 jum.

(4) Il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-preparazzjoni ta' prodotti tal-laħam, tal-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati mil-laħam frisk tat-tjur domestiċi, inklużi għasafar selvaġġi u mrobbijin fl-irziezet, kif stabbiliti fil-Parti II. 1.3 taċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u pubblika stabbiliti fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, jirreferu għall-influenza tat-tjur u l-marda ta' Newcastle. Madankollu, iċ-ċertifikati veterinarji mudell (POU), (RAT) u (WGM) stabbiliti fil-Parti 2

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jirreferu biss għall-influenza tat-tjur b'patoġenità għolja. Għalhekk hemm bżonn li jiġi emendat iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u pubblika stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE ħalli jallinja mar-rekwiżiti tal-laħam frisk kif stabbiliti fiċ-ċertifikati veterinarji mudell (POU), (FAR) u (WGM) stipulati fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

- (5) Barra minn hekk, iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u pubblika stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE jirreferi għad-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE ⁽¹⁾ li nbidlet bid-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE ⁽²⁾ u għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/696/KE ⁽³⁾ li nbidlet bir-Regolament (KE) Nru 798/2008. Għaldaqstant, daww ir-referenzi jeħtieġ jiġu aġġornati.
- (6) U għalhekk l-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandu jiġi emendat skont dan.
- (7) Sabiex ikun evitat kull tip ta' tħarbit fil-kummerċ, l-użu taċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali u pubblika għal ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieġaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati li huma maħsuba għall-konsenja lejn l-Unjoni minn pajjiżi terzi, li mtela skont iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u pubblika stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, qabel l-emendi li daħħlet din id-Deċiżjoni, għandu jibqa' jkun awtorizzat matul perjodu tranżitorju.
- (8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda fid-Deċiżjoni 2007/777/KE

L-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE jinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Dispożizzjoni tranżizzjonali

Għal perjodu tranżitorju sat-30 ta' Settembru 2014, l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' konsenji ta' prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieġaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati, akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u pubblika mimli skont il-mudell stabbilit fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, fil-verżjoni tiegħu qabel l-emenda li għamel l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni, għandhom jibqgħu jiġu awtorizzati, diment li ċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali u pubblika jkun ġie ffirmat qabel it-30 ta' Lulju 2014.

Artikolu 3

Id-destinatarji

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Marzu 2014.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 90/539/KEE tal-15 ta' Ottubru 1990 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi (ĠU L 303, 31.10.1990, p. 6).

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/696/KE tat-28 ta' Awissu 2006 li tistipula lista ta' pajjiżi terzi li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu fil-Komunità ta' tjur, bajd għat-tfaqqis, flieles ta' ġurnata, laħam tat-tjur, għasafar li ma jtirux u għasafar tal-kaċċa selvaġġi, bajd u prodotti tal-bajd u bajd speċifikat mingħajr patoġeni u l-kundizzjonijiet veterinarji ta' ċertifikazzjoni applikabbli (ĠU L 295, 25.10.2006, p. 1).

ANNEX

"ANNEX III

Iċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u pubblika għal ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, il-bżieġaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati maħsubin għal konsenja lejn l-Unjoni Ewropea minn pajjiżi terzi

PAJJIŻ:

Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta	I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-telefown		I.2. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat		I.2.a. In-numru ta' referenza TRACES									
			I.3. L-awtorità kompetenti ċentrali											
			I.4. L-awtorità kompetenti lokali											
	I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-telefown		I.6. Il-persuna responsabbli mill-konsenja fl-UE											
	I.7. Il-pajjiż tal-orġini	Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-orġini	Kodiċi	I.9. Il-pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Ir-reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi						
	I.11. Il-post tal-orġini Isem Indirizz		In-numru tal-approvazzjoni		I.12. Il-post tad-destinazzjoni									
	I.13. Il-post tat-tagħbija Indirizz		In-numru tal-approvazzjoni		I.14. Id-data tat-tluq									
	I.15. Il-mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Dokument				I.16. BIP tad-dħul fl-UE									
					I.17. In-numru/i tas-CITES									
	I.18. Deskrizzjoni tal-prodott				I.19. Kodiċi tal-prodott (Kodiċi HS)									
				I.20. Il-kwantità										
I.21. It-temperatura tal-prodotti Ambjentali ☐ Imkessħa ☐ Friżati ☐				I.22. Għadd ta' pakketti										
I.23. In-numru tas-siġill/tal-kontejner				I.24. Tip ta' imballaġġ										
I.25. Il-prodotti ċċertifikati: Għall-konsum mill-bniedem ☐														
I.26. Għat-tranżitu mill-UE lejn pajjiżi terzi				I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐										
I.28. Identifikazzjoni tal-komodità														
<table border="0"> <tr> <td>Speċi (isem xjentifiku)</td> <td>Natura tal-komodità</td> <td>Biċċerija</td> <td>Impjant tal-manifattura</td> <td>Maħżen kiesaħ</td> <td>Għadd ta' pakketti</td> <td>Tip ta' imballaġġ</td> <td>Piż nett (kg)</td> </tr> </table>							Speċi (isem xjentifiku)	Natura tal-komodità	Biċċerija	Impjant tal-manifattura	Maħżen kiesaħ	Għadd ta' pakketti	Tip ta' imballaġġ	Piż nett (kg)
Speċi (isem xjentifiku)	Natura tal-komodità	Biċċerija	Impjant tal-manifattura	Maħżen kiesaħ	Għadd ta' pakketti	Tip ta' imballaġġ	Piż nett (kg)							

PAJJIŻ

Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni

Parti II: Ċertifikazzjoni	II.1.	Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal	II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.	
	Jiena, il-veterinarju uffiċjali li ismi jidher imniżżel hawn taħt, niċċertifika li:				
	II.1.1.	Il-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati ⁽¹⁾ deskritt f'dan iċ-ċertifikat fihom dawn il-komponenti tal-laħam u jissodisfa l-kriterji indikati hawn isfel:			
		Speċi (A)	Trattament (B)	Orġini (C)	
(A) Daħħal il-kodiċi għall-ispeċi rilevanti tal-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati, fejn BOV = annimali bovini domestiċi (<i>Bos Taurus</i>, <i>Bison bison</i>, <i>Bubalus bubalis</i> u r-razez imħallta tagħhom); OVI = nagħaġ domestiċi (<i>Ovis aries</i>) u mogħoż domestiċi (<i>Capra hircus</i>); EQL = annimali ekwini domestiċi (<i>Equus caballus</i>, <i>Equus asinus</i> u r-razez imħallta tagħhom); POR = annimali porċini domestiċi (<i>Sus scrofa</i>); RAB = fniek domestiċi, PFG = tajr domestiku u annimali bir-rix imrobbijin fl-irziezet, RUF = annimali mrobbijin fl-irziezet li mhumex domestiċi ħlief is-suidae u s-solipedi; RUW = annimali selvaġġi li mhumex domestiċi ħlief is-suidae u s-solipedi; SUW = suidae selvaġġi li mhumex domestiċi; EQW = solipedi selvaġġi li mhumex domestiċi; WLP = lagomorfi selvaġġi; WGB = għasafar tal-kaċċa selvaġġi. (B) Daħħal A, B, C, D, E jew F għat-trattament meħtieġ kif jispeċifikaw u jiddefinixxu l-Partijiet 2, 3 u 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE. (C) Daħħal il-kodiċi ISO tal-pajjiż tal-orġini u, fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għall-komponenti tal-laħam rilevanti, ir-reġjun kif tindika l-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE. ⁽²⁾ II.1.2. Il-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati, deskritt fil-punt II.1.1 tħejja minn laħam frisk ta' annimali bovini domestiċi (<i>Bos Taurus</i>, <i>Bison bison</i>, <i>Bubalus bubalis</i> u r-razez imħallta tagħhom); nagħaġ domestiċi (<i>Ovis aries</i>) u mogħoż domestiċi (<i>Capra hircus</i>); annimali ekwini domestiċi (<i>Equus caballus</i>, <i>Equus asinus</i> u r-razez imħallta tagħhom), annimali porċini domestiċi (<i>Sus scrofa</i>); annimali mrobbijin fl-irziezet mhux domestiċi ħlief is-suidae u s-solipedi; annimali selvaġġi mhux domestiċi ħlief is-suidae u s-solipedi; is-suidae selvaġġi mhux domestiċi, is-solipedi selvaġġi mhux domestiċi u l-laħam frisk użat fil-produzzjoni tal-prodotti tal-laħam li: ⁽²⁾ jew [II.1.2.1. għadda minn trattament mhux speċifiku kif jispeċifika u jiddefinixxi l-punt A tal-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, u ⁽²⁾ jew [II.1.2.1.1. jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali u pubblika stipulati fiċ-ċertifikat(i) xieraq/xierqa tas-saħħa fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u li joriġina minn pajjiż terz jew parti minnu fil-każ ta' reġjonalizzazzjoni skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, kif tiddeskrivi l-kolonna rilevanti tal-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE]. ⁽²⁾ inkella [II.1.2.1.1. joriġina minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea]. ⁽²⁾ inkella [II.1.2.1. jissodisfa rekwiżiti miftiehma fid-Direttiva 2002/99/KE, joriġina minn annimali li ġejjin minn stabbiliment mhux soġġett għal restrizzjonijiet għall-mard speċifiku li jissemma fiċ-ċertifikat(i) tas-saħħa xieraq/xierqa fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 u fraġġ ta' 10 km fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' mard ta' din ix-xorta fl-aħħar 30 jum u għadda mit-trattament speċifiku stabbilit fil-pajjiż terz tal-orġini jew f'parti minnu għal-laħam tal-ispeċijiet konċernati fil-Parti 2 jew 3, skont kif inhu xieraq, tal-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE]. ⁽²⁾ II.1.3. Il-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren deskritt fil-punt II.1.1 tħejja minn laħam frisk ta' tjur domestiku, inklużi għasafar selvaġġi jew imrobbijin fl-irziezet li: ⁽²⁾ jew [II.1.3.1. għadda minn trattament mhux speċifiku kif jispeċifika u jiddefinixxi l-punt A tal-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE] u: ⁽²⁾ jew [II.1.3.1.1. jissodisfa r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008], ⁽²⁾ inkella [II.1.3.1.1. joriġina minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2002/99/KE],					

PAJJIŻ

Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni

	II.a. In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(2) <i>inkella</i> II.1.3.1.	joriġina minn pajjiż terz li jissewma fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, ġej minn impriżi jew fil-każ tal-għasafar selvaġġi li nqatlu f'territorji fraġġ ta' 10km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal mill-anqas 30 jum, u għadda minn trattament speċifiku stabbilit għall-pajjiż terz tal-orijini jew parti minnu għal-laħam tal-ispeċijiet konċernati fil-Parti 2 jew 3, kif xieraq, tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE],	
(2) <i>inkella</i> II.1.3.1.	joriġina minn pajjiż terz li jissewma fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, ġej minn impriżi jew fil-każ tal-għasafar selvaġġi li nqatlu f'territorji fraġġ ta' 10km, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar, fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal mill-anqas 30 jum, u għadda minn trattament speċifiku stabbilit li jissewma fil-punt B, C jew D tal-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE, diment li dan it-trattament ikun strett aktar minn dak indikat fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni].	
(2) II.1.4.	fil-każ ta' prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati li ġej minn laħam frisk tal-lagomorfi u mammiferi tal-art oħra: jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tas-saħħa tal-annimali u pubblika stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 119/2009/KE u ġej minn impriża li mhix soġġetta għal restrizzjonijiet minħabba mard tal-annimali li jaffettwa l-annimali konċernati fraġġ ta' 10km fejn ma kien hemm l-ebda tifqigħa ta' mard ta' din ix-xorta fl-aħħar 30 jum].	
II.1.5.	il-prodott tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati:	
(2) <i>jew</i> II.1.5.1.	jikkonsisti minn laħam u/jew prodott tal-laħam li ġejjin minn speċi waħda u għadda mit-trattament li jissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE],	
(2) <i>inkella</i> II.1.5.1.	jikkonsisti minn laħam ta' aktar minn speċi waħda u, wara li dan il-laħam tħallat, il-prodott sħiħ sussegwentement għadda minn trattament strett għall-inqas daqs dak meħtieġ għall-komponenti tal-laħam tal-prodott tal-laħam kif stabbilit fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE],	
(2) <i>inkella</i> II.1.5.1.	[tħejja minn laħam ta' aktar minn speċi waħda u kull komponent tal-laħam u qabel ma tħallat ikun għadda minn trattament li jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti tat-trattament għal laħam ta' dik l-ispeċi kif stabbiliti fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE],	
II.1.6.	wara t-trattament ittieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex tkun evitata l-kontaminazzjoni	
(2) II.1.7.	Garanziji addizzjonali: fil-każ tal-prodotti tal-laħam tat-tjur li ma għaddewx minn trattament speċifiku u huma destinati għal Stati Membri jew għal reġjuni tagħhom, li l-istatus tagħhom jitqies bħala bla tilqim kontra l-marda Newcastle skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2009/158/KE, il-laħam tat-tjur ġej minn tur li ma tlaqqamx b'vaċċin ħaj kontra l-marda ta' Newcastle fit-30 jum qabel it-tbiċċir],	
(2) II.2.	Attestazzjoni tas-saħħa pubblika	
	Jien, li ismi jidher imniżżel hawn taħt, niddikjara li naf sew id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 852/2004 u (KE) Nru 853/2004 u niċċertifika li l-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati, deskritti hawn fuq ġew prodotti skont dawn ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:	
II.2.1.	ġejjin minn stabbiliment(i) li jimplementa(w) programm imsejjes fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;	
II.2.2.	ġew prodotti minn materja prima li tissodisfa r-rekwiżiti tat-Taqsimiet I sa VI tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;	
(2) II.2.3.1.	il-prodotti tal-laħam ġejjin minn laħam tal-majjal domestiku li kien soġġett għall-eżaminazzjoni tat-triċinożi b'riżultati negattivi jew kien soġġett għal trattament ta' tkessiħ skont ir-Regolament (KE) Nru 2075/2005;	
(2) II.2.3.2.	il-prodotti tal-laħam ġew minn laħam taż-żiemel jew minn laħam tal-ħanżir selvaġġ li kien soġġett għal eżaminazzjoni tat-triċinożi b'riżultati negattivi skont ir-Regolament (KE) Nru 2075/2005;	
(2) II.2.3.3.	l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati ġew prodotti skont it-Taqsimi XIII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.	
II.2.4.	ġew immarkati b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsimi I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;	
II.2.5.	it-tikketta/i mwaħħlin mal-imballaġġ tal-prodotti tal-laħam deskritti hawn, għandhom fuqhom marka li tgħid li l-prodotti tal-laħam ġejjin kollha minn laħam frisk ta' annimali li nqatlu f'biċċeriji approvati għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea jew ta' annimali li nqatlu f'biċċerija indikata għall-konsenja tal-laħam għat-trattament meħtieġ kif stabbilit fil-Partijiet 2 u 3 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE;	

PAJJIŻ

Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieġaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni

	II.a. In-numru ta' referenza ta' ċertifikat	II.b.
II.2.6.	jissodisfaw il-kriterji rilevanti stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;	
II.2.7.	jissodisfaw il-garanzji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom u li taw il-pjanijiet dwar ir-residwi mressqa skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha;	
II.2.8.	il-mezzi tat-trasport u l-kundizzjonijiet għat-tagħbija għall-prodotti tal-laħam f'din il-konsenja jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-iġjene stabbiliti għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea;	
II.2.9.	jekk ikun fihom materjal mill-annimali bovini, ovini jew kaprini, il-laħam frisk u/jew l-imsaren użati fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-laħam u/jew l-imsaren ittrattati għandhom ikunu soġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet skont il-kategorija tar-riskju tal-BSE tal-pajjiż tal-orijini:	
(2)	II.2.9.1. għall-importazzjonijiet minn pajjiż jew reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE kif imniżżel fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE kif emendata:	
(1)	il-pajjiż jew ir-reġjun hu klassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju negliġibbli tal-BSE;	
(2)	l-annimali li minnhom ġejjin il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini twieldu, trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż b'riskju negliġibbli tal-BSE u għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla.	
(2) (3)	jekk fil-pajjiż jew fir-reġjun kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE:	
	jew	
(2) (a)	l-annimali twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin minn ruminanti, jew	
(2) (b)	il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumix ġejjin minn materjal riskjuż speċifikat kif jiddefinixxi l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat bil-magni li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini.	
(2) II.2.9.2.	għall-importazzjonijiet minn pajjiż jew reġjun b'riskju kkontrollat tal-BSE kif imniżżel fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE kif emendata:	
(1)	il-pajjiż jew reġjun huwa klassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat tal-BSE;	
(2)	l-annimali li minnhom ġejjin il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;	
(3)	l-annimali li minnhom ġejjin il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini destinati għall-esportazzjoni ma nqatlux wara li ġew storduti b'gass injettat fil-kavità kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew b'laċerazzjoni wara stordament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument tawwali forma ta' virga li jiddaħħal fil-kavità kranjali;	
(2)(3) (4)	il-prodotti li ġejjin minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumix ġejjin minn materjal riskjuż speċifikat kif jiddefinixxi l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, jew laħam separat bil-magni li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini.	
(2)(4) (5)	fil-każ tal-imsaren li s-sors oriġinali tagħhom kien pajjiż jew reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE, l-importazzjonijiet tal-imsaren ittrattati għandhom ikunu soġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet:	
(a)	il-pajjiż jew ir-reġjun huwa klassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li jippreżenta riskju kkontrollat tal-BSE;	
(b)	l-annimali li minnhom ġejjin il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini twieldu, trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż jew fir-reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE u għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla;	
(2) (c)	jekk is-sors tal-imsaren ikun pajjiż jew reġjun fejn kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE:	
	jew	
(2) (i)	l-annimali twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin minn ruminanti; jew	

PAJJIŻ

Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieżaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni

	II.a. In-numru ta' referenza ta' ċertifikat	II.b.
(²) (ii) il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumliex ġejjin minn materjal riskjuż speċifikat kif jiddefinixxi l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. (²) II.2.9.3. għall-importazzjonijiet minn pajjiż jew reġjun b'riskju mhux determinat tal-BSE kif imniżżel fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE: (1) l-annimali li minnhom ġew il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini ma ġewx mitmugħa ikel b'laħam u għadam mitħun jew xaħam li ġew minn ruminanti u għaddew mill-ispezzjonijiet qabel u wara l-qatla; (2) l-annimali li minnhom ġejjin il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini ma nqatlux wara li ġew storduti b'gass injettat fil-kavità kranjali jew ma nqatlux bl-istess metodu jew b'laċerazzjoni wara stordament tat-tessut nervuż ċentrali permezz ta' strument tawwali forma ta' virga li jiddaħħal fil-kavità kranjali; (²)(⁵) (3) il-prodotti li ġejjin minn annimali bovini, ovini u kaprini mhumliex ġejjin minn (i) materjal riskjuż speċifikat kif jiddefinixxi l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001; (ii) tessuti tan-nervituri u limfatiċi esposti waqt il-proċess tat-tneħħija tal-għadam; (iii) laħam separat bil-magni li ġej minn għadam tal-annimali bovini, ovini jew kaprini. (²)(⁴) (4) fil-każ tal-imsaren li s-sors oriġinali tagħhom kien pajjiż jew reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE, l-importazzjonijiet tal-imsaren ittrattati għandhom ikunu soġġetti għal dawn il-kundizzjonijiet: (a) il-pajjiż jew ir-reġjun huwa klassifikat skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 b'laħa pajjiż jew reġjun b'riskju mhux determinat tal-BSE; (b) l-annimali li minnhom ġejjin il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini twieldu, trabbew kontinwament u nqatlu fil-pajjiż jew fir-reġjun b'riskju negliġibbli tal-BSE u għaddew mill-ispezzjonijiet ta' qabel u wara l-qatla; (²) (c) jekk is-sors tal-imsaren ikun pajjiż jew reġjun fejn kien hemm każijiet indiġeni tal-BSE: jew (²) (i) l-annimali twieldu wara d-data minn meta bdiet tiġi infurzata l-projbizzjoni li r-ruminanti jingħataw għalf b'laħam u għadam mitħun u xaħam li ġejjin minn ruminanti; jew (²) (ii) il-prodotti li joriġinaw minn annimali bovini, ovini u kaprini ma fihomx u mhumliex ġejjin minn materjal riskjuż speċifikat kif jiddefinixxi l-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.		
<i>Noti</i> Parti I: — Il-kaxxa I.8.: ir-reġjun (jekk xieraq) kif jidher fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE (kif emendata l-aħħar). — Il-kaxxa I.11: Il-post tal-oriġini: l-isem u l-indirizz tal-istabbiliment tad-dispaċċ. — Il-kaxxa I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u vettura tat-triq), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur). Fil-każ ta' ħaħ u tagħbija mill-ġdid għandha tingħata informazzjoni separata. — Il-kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (HS) taħt dawn l-intestaturi: 02.10, 16.01, 16.02 u 05. 04. — Il-kaxxa I.23: Identifikazzjoni tal-kontejner/in-numru tas-siġill: meta japplika biss. — Il-kaxxa I.28: <i>Speċijiet</i>: agħżel fost l-ispeċijiet deskritti fil-Parti II 1.1. (A);		

PAJJIŻ

Il-prodotti tal-laħam, l-istonku, il-bżieħaq tal-awrina u l-imsaren ittrattati għall-importazzjoni

Il.a. In-numru ta' referenza ta' ċertifikat	Il.b.
<i>Natura tal-prodott:</i> agħżel minn dawn: prodott tal-laħam, stonku, bżieħaq tal-awrina u msaren ittrattati; <i>Biċċerija:</i> in-numru tal-approvazzjoni ta' biċċerija jew stabbiliment li jilqa' għasafar maqbuda; <i>Maħżen friża:</i> faċilità tal-ħażna; <i>Impjant tal-manifattura:</i> in-numru tal-approvazzjoni.	
Parti II: (¹) Prodotti tal-laħam kif stabbilit fil-punt 7.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u stonku, bżieħaq tal-awrina u msaren ittrattati li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati fil-Parti 4 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE. (²) Żomm skont ir-rilevanza. (³) B'deroga mill-punt 4, jistgħu jiġu importati karkassi, nofs karkassi jew nofs karkassi maqtugħa f'mhux iktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u kwarti li ma fihom l-ebda materjal riskjuż speċifikat ħliet il-kolonna vertebrali, inkluża l-ganglija tal-għerq dorsali. Meta ma jkunx hemm bżonn titneħħa l-kolonna vertebrali, il-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi tal-annimali bovini li fihom il-kolonna vertebrali għandhom jiġu identifikati bi strixxa blu li tkun tidher ċara fuq it-tikketta msemmija fil-punt 11.3(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. L-għadd ta' karkassi bovini jew qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi, li għandhom bżonn li titneħħielhom il-kolonna vertebrali, u l-għadd li m'għandhomx bżonn li titneħħielhom il-kolonna vertebrali, għandhom jiżdiedu fid-dokument imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 136/2004 fil-każ tal-importazzjonijiet. (⁴) Dan japplika biss għal importazzjonijiet tal-imsaren ittrattati. (⁵) B'deroga mill-punt 3, jistgħu jiġu importati karkassi, nofs karkassi jew nofs karkassi maqtugħa f'mhux iktar minn tliet qatgħat bl-ingrossa, u kwarti li ma fihom l-ebda materjal riskjuż speċifikat ħliet il-kolonna vertebrali, inkluża l-ganglija tal-għerq dorsali. Meta ma jkunx hemm bżonn titneħħa l-kolonna vertebrali, il-karkassi jew il-qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi tal-annimali bovini li fihom il-kolonna vertebrali għandhom jiġu identifikati bi strixxa blu li tkun tidher ċara fuq it-tikketta msemmija fil-punt 11.3(a) tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. Informazzjoni speċifika fuq l-għadd ta' karkassi bovini jew qatgħat bl-ingrossa tal-karkassi, li għandhom bżonn u li m'għandhomx bżonn li titneħħielhom il-kolonna vertebrali, għandhom jiżdiedu mad-dokument msemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 136/2004 fil-każ tal-importazzjonijiet. Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tal-istampar. L-istess regola tapplika għal timbri oħra ħliet dawk imqabbża jew bil-watermark.	
Il-veterinarju uffiċjali Isem (b'titri kbar): Data: Timbru:" Kwalifika u titolu: Firma:	